*-immissjoni fil-pussess ta' legat*

*-tista' tintalab mingħand il-kuraturi ta' wirt battal*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

## SEDUTA TAL-LUM 8 T'OTTUBRU, 2019.

**Rikors Nru. 38/2019GM**

**MALLIA LOUISE (ID 297757M)**

**vs**

**DR PHYLLIS AQUILINA li permezz ta' Digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) datat 9 ta' Marzu 2015 ġiet nominata bħala kuratriċi tal-wirt battal ta' Antonia Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attriċi qiegħdha titlob li tiġi ammessa fil-pussess tal-legat tal-fond numru 17 Misraħ is-Sliem, Ħaż-Żabbar lilha mħolli minn Antonia Buhagiar;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-kuratriċi tal-wirt battal tal-istess Antonia Buhagiar li sostanzjalment eċċepiet illi:

(1) l-attriċi għandha tipprova li fid-data ta' mewtha, Antonia Buhagiar kienet proprjetarja tal-fond *de quo.*

(2) Antonia Buhagiar kienet akkwistat in-nofs indiviż tal-imsemmi fond permezz ta' bejgħ b'liċitazzjoni taħt l-awtorita` tal-Qorti fil-10.07.1989 iżda l-liberazzjoni ma ġietx insinwata fir-Reġistru Pubbliku għajr meta l-kuratriċi ħadet ħsieb li jsir dan wara li ngħatat l-inkariku fit-2015. Fil-frattemp is-sidien preċedenti setgħu ittrasferew is-sehem hekk liberat lil terzi li setgħu akkwistaw titlu tajjeb bi preferenza fuq id-*decujus.* Ma sarux riċerki biex jiġi aċċertat li dan ma seħħx u allura t-titlu tad-*decujus* ma jistax jiġi aċċertat.

(3) Mill-bqija tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti purke` ma tbatix spejjeż;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Marzu 2019 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawża: ċitaz. Nru.206/2015 (Gurisdizzjoni Volontarja) fl-ismijiet Mallia Louise vs Dr Phyllis Aquilina ntavolata fl-24 ta' Marzu 2015;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi Antonia Buhagiar mietet fl-20 ta' Jannar 2014. Hi rregolat il-wirt u s-suċċessjoni tagħha permezz ta' testament in atti tan-Nutar Dottor Roberta Bisazza fl-14 ta' April

2008[1] fejn ma ħatret l-ebda werriet universali iżda ħalliet b'titolu ta' legat id-dar numru 17 li tinsab f'Misraħ is-Sliem, Ħaż-Żabbar lill-attriċi. Illi missier l-attriċi jiġi l-kuġin ta' Antonia Buhaġiar u l-attriċi kienet midħla tagħha tant illi fi xjuħitha kienet tipprepara l-ikel ta' kuljum qabel ma kienet ġo *home* u kienet anke` tieħu ħsiebha;

Illi Antonia Buhaġiar mietet xebba u mingħajr tfal. Il-ġenituri tagħha u ż-żewġt ħutha u ċioe' Rożina Xuereb u Michael Buhaġiar ilhom li ġew neqsin.[2] Illi t-tfal ta' Rożina Xuereb – Spiridione Xuereb, Catherine Schembri u Carmen Buġeja irrinunzjaw għal-wirt li ħalliet Antonia Buhaġiar[3]. Michael Buhaġiar kien jirrisjedi ġewwa Astoria, New York, l-Istati Uniti[4] u ħalla warajh tlett uliedu u martu iżda l-attriċi m'għandha l-ebda kuntatt magħhom u għalhekk ma għandha l-ebda informazzjoni dwarhom. Konsegwentament il-wirt ta' Antonia Buhaġiar baqa' battal u skond digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) tad-9 ta' Marzu 2015 inħatret Dr Phyllis Aquilina bħala kuratriċi ta' dan il-wirt battal;

Illi minn riċerka magħmula mill-kuratriċi Aquilina, irriżulta illi nofs indiviż biss tal-propjeta` in kwistjoni għadda għand Antonia Buhaġiar permezz ta' bejgħ b'liċitazzjoni miżmuma taħt l-Awtorita tal-Qorti fl-10 ta' Lulju 1989.[5] Din il-liberazzjoni ta' nofs indiviż ma kienx ġie insinwat iżda eventwalment ġiet insinwata fis-16 ta' Settembru 2016. Illi minn meta nofs indiviz tal-fond suriferit għadda għand it-testatriċi għaddew aktar minn 25 sena, u għalhekk il-kuratriċi Aquilina talbet sabiex isiru r-riċerki neċessarji minn l-1989 sa meta ġiet reġistrata l-liberazzjoni. L-attriċi targumenta illi dan l-eżerċizzju huwa diffiċċli ħafna, kważi mpossibbli għaliex kien hemm numru kbir ta' nies li kienu parti mill-bejgħ bis-subbasta li permezz tagħha ġie liberat in-nofs indiviż tal-propjeta` in kwistjoni a favur ta' Antonia Buhaġiar u m'hemmx id-dettalji neċessarji sabiex jiġu rintraċċati u jista' jagħti l-każ ukoll li uħud minnhom ġew nieqsa u dan kif jidher mid-dokumentazzjoni ppreżentata[6];

[1] Dok D a fol 12.
[2] Dok E – H a fol 14 – 17 u Dok J a fol 19.
[3] Dok K a fol 20 u Dok L a fol 21.
[4] Dok M a fol 22.
[5] Fl-atti tas-subbasta Anthony sive Toti Farrugia vs Annetta Sciberras pro et noe.
[6] Fol 47

Illi l-attriċi permezz ta' nota, ddikjarat bil-ġurament tagħha illi hija teżenta lill-kuratriċi konvenuta nomine milli tagħmel riċerki fuq is-sehem ta' nofs indiviż li kellha Antonia Buhaġiar minn meta l-istess Buhaġiar akkwistat in-nofs indiviz fl-8 ta' Ġunju 1989 sa meta din il-liberazzjoni ġiet insinwata fis-16 ta' Settembru 2016;

Ikkunsidrat:

Illi l-azzjoni attriċi hi bbażata fuq l-artikolu 726 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:

(1) Il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija legat.

(2) Fil-każ ta' beni immobbli l-legatarju jista' jitlob li l-għoti ta' dak il-pussess isir permezz ta' att pubbliku.

(3) Kemm-il darba t-testatur ma jkunx iddispona xort'oħra, l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-att għandhom jitħallsu mil-legatarju.

Illi sakemm ma jottjeniex mingħand l-eredi (jew l-eżekutur testamentarju) ir-rilaxx tal-oġġett legat, il-legatarju ma jistgħax jieħu pussess ta' dak il-legat. Qabel ma jottjeni dan ir-rilaxx, il-legatarju jkun proprjetarju, iżda d-dritt tiegħu ta' proprjeta' jkun dritt astratt, fis-sens li ma jkollux il-jedd li jeżerċitah. Id-dritt tal-legat hu dritt ta' proprjeta', iżda jibqa' dritt inċert u suġġett għall-kontestazzjoni sakemm ma jiġix immiss fil-pussess[7];

Illi l-ġurista **Francesco Ricci** ma kienx tal-fehma li l-legatarju jsir proprjetarju hekk kif imut it-testatur:

> "E` principio infatti fondamentale che una cosa non puo` entrare a far parte del patrimonio di un individuo, se esso non vi consenta. Puo` chichessia rinunciare al diritto che a lui compete di proprieta' su una cosa determinata, e puo` volere che questo diritto vada a far parte del patrimonio altrui; ma cio` solo non basta perche' la cosa abbia senz'altro a ritenersi come definittivamente entrata nel patrimonio di colui al quale si vuole trasferire….".

[7] Kif ċitata f'Helen Vella, it-Tabib Gunther Abela u t-Tabib Jurgen Abela vs Mario Vella, 6.10.2011

Min-naħa l-oħra l-awturi **Laurent Leveneur u Sabine Mazeaud-Leveneuer** jesprimu l-opinjoni kuntrarja huma u jikkummentaw fuq il-provvediment analogu tal-Kodiċi Ċivili Franċiż:-

> "Avant le deces du testateur le legataire n'a aucun droit, meme eventuel. le legs sera donc caduc si le legataire decede avant le disposant. Le droit du legataire ne se fixe qu'au deces du testateur - au moins le droit du legataire pur et simple: c'est a ce jour que le legataire devient proprietarie des biens legues ou creancier de droits quil lui sont transmis, que que soit le moment de son acceptation o de sa prise de possession; a partir de jour du deces son droit est transmissible a ses heritiers (art. 1014 c. civ)" (paġna 330).

Skond din il-fehma, hu mal-mewt tat-testatur li l-legatarju jsir proprjetarju tal-beni li jkunu tħallew lilu b'legat jew kreditur tad-drittijiet trasmessi lilu[8];

Din il-kwistjoni ġiet riżolta fil-**Kodici Taljan viġenti** bl-introduzzjoni tal-**Artikolu 649** li jaqra hekk:

> "Il legato si acquista senza bisogno di accettazione, salva la facolta` di rinunziare.
>
> "Quando oggetto del legato e` la proprieta` di una cosa determinata o altro diritto appartenente al testatore, la proprieta` o il diritto si trasmette dal testatore al legatario al momento della morte del testatore.
>
> "Il legatario pero` deve domandare all'onerato il possesso della cosa legata, anche quando ne e` stato espressamente dispensator dal testatore".

Illi hu magħruf illi jekk ma jkunx hemm eredi tal-wirt, it-talba għall-immissjoni fil-pussess tal-legat issir kontra l-eredita` rappreżentata minn kuraturi li għalkemm ma jkollhomx il-pussess materjali konformement għall-art 763, li jsemmi l-eredi bħala dak li lilu għandha ssir it-talba, ikollhom pero' il-pussess leġittimu". Il-fatt li l-pussess materjali m'huwiex għand il-kuratur, ma jbiddel xejn. Dan in kwantu:

> "… it-talba tal-pussess għandha ssir fil-konfront ta' l-eredi jew ta' l-eredita`, bħala dawk jew dik li għandhom il-pussess leġittimu; anke

[8] Ibid Agnese Farrugia Vs Emanuel sive Noel Buttiġieġ et- 04.04.2008.

> jekk ma għandhomx il-pussess materjali, konformement għall-art. 763 li jsemmi l-werriet bħala dak li lilu għandha ssir it-talba”[9];

***Decide***

Tenut kont tas-suespost, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi tilqa’ t-talbiet tal-attriċi fis-sens li:

1. tiddikjara li l-attriċi għandha d-dritt li tkun ammessa fil-pussess tal-legat tal-fond numru 17 Misraħ is-Sliem, Ħaż-Żabbar sal-kwota ta’ nofs indiviż jew sehem verjuri li setgħet kienet proprjetarja tiegħu Antonia Buhagiar.

2. taħtar lin-Nutar Josef Masini Vento biex f’data mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data ta’ din is-sentenza, u f’ħin u lok minnu ffissati u avżati lill-partijiet kollha f’din il-kawża, jippubblika l-att pubbliku relattiv b’dan illi l-wirt battal ta’ Antonia Buhagiar jiġi eżentat mill-garanzija tal-paċifiku pussess tal-istess fond.

3. tawtorizza lill-kuratur Dr. Phyllis Aquilina biex tidher fuq l-istess att.

4. taħtar lill-avukat Dr. Maxilene Ellul biex tidher għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

Bl-ispejjeż kollha, kemm tal-kawża kif ukoll tal-pubblikazzjoni u reġistrazzjoni tal-kuntratt, inklużi d-drittijiet tal-kuratriċi għall-wirt battal huma a kariku tal-attriċi.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

[9] Rinaldo Wismayer vs Mario Wismayer nomine deciza millPrim’Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Marzu 1946 – Vol. XXXII.ii.264.